IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 14**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kumitat iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 1 ta' Settembru 2015 fis-5:45 p.m.**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |
| ** | **Preżenti għal-Laqgħa:** | Attendenza |

| | |
|---|---|
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sna Audrey Sant | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |

** **Peress illi ċ-Ċerpersin kien skużat, ippresediet il-laqgħa l-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier.**

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B13**

| | | |
|---|---|---|
| 1.01 | Il-minuti tas-seduta nru B13 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B13 |

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B 13**

| | | |
|---|---|---|
| 2.01 | 3.01 Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li tintbagħat ċirkolari lir-residenti ta' tal-Virtù dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart domestiku u riċiklabbli kif ukoll dwar is-servizz tal-*Bulky Refuse*. Issekondat din il-proposta s-Sra Renate Guillaumier. Il-Kumitat qabel unanimament. | *Bring-In-Sites* fi Triq Godwin Ganado |

KUNSILL LOKALI IR-RABAT

8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**3.00 Komunikazzjoni mill-Membri**

3.01 Is-Sur Christopher Farrugia qal li t-toroq reġgħu mhux qegħdin jinkinsu u li ilu ma jidher kennies ġewwa ż-żona tal-Virtù għal diversi xhur. Huwa qal li l-problema diġà ġiet diskussa mal-kuntrattur ftit tax-xhur ilu u minn dakinhar 'l hawn is-sitwazzjoni tjiebet ftit li xejn. Għaldaqstant is-Sur Farrugia ppropona li tinħareġ *default notice* lill-kuntrattur *WM Environmental*. Issekondat din il-proposta s-Sna Louise Agius. Il-Kumitat qabel unanimament. Ilment dwar il-knis manwali

3.02 Is-Sur Christopher Farrugia staqsa min hu responsabbli sabiex jaqta' l-ħaxix li jkun hemm fuq il-bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li tali xogħol irid isir mill-kennies għaldaqstant ser tgħaddi l-ilment lill-kuntrattur responsabbli. Ħaxix fuq il-bankini

3.03 Is-Sra Renate Guillaumier qalet li ħdejn ir-residenza 'Comfort', Triq Francesco Azzopardi hemm siġra li għandha bżonn tinżabar. Ġie deċiż li peress li s-siġra ħierġa minn proprjetà privata għandha tintbagħat ittra lir-resident sabiex jiżborha. Siġra fi Triq Francesco Azzopardi

3.04 Is-Sra Renate Guillaumier talbet li jsir *refresh* tal-*yellow lines* li hemm fi Triq tal-Virtù ma Triq Francesco Azzopardi. *Refresh* tal-*Yellow Lines* fi Triq tal-Virtù ma' Triq Francesco Azzopardi

**4.00 Korrispondenza**

4.01 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza x'tiġi diskussa.

**5.00 Materji Oħra**

5.01 Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa. Materji oħra

**6.00 Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 7 t'Ottubru 2015 fis-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6:45 ta' filghaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 21 ta' Ottubru 2015

**Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**